Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 1096/2001/1

**Id-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet**

**v.**

**Fithome Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

**B'citazzjoni pprezentata quddiem il-PrimAwla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju, 2001 l-atturi ppremettew:**


Qrati tal-Gustizzja

"…illi b'ittra ta' accettazzjoni tat-tender numru LA/SC 330/97 tad-29 ta' Ottubru, 1997, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A", id-Direttur tax-Xoghlijiet accetta l-offerta tas-socjeta' konvenuta Fithome Limited, li hadet l-appalt ghall-fornitura u installazzjoni ta' "timber suspended ceiling" fl-ufficini ta' l-Ufficcju Prim Ministru, fil-Berga ta' Kastilja, il-Belt Valletta, skond specifications tat-tender, ghall-prezz ta' hmistax-il elf sitt mija u tliet Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm15,603.80);

"Illi skond l-imsemmija ittra ta' accettazzjoni, dawn ix-xoghlijiet kellhom ikunu lesti fi zmien sitt gimghat meta tinhareg l-ordni sabiex jinbdew ix-xoghlijiet, liema ordni nghatat permezz ta' ittra datata 3 ta' Novembru, 1997, sabiex ix-xoghlijiet jinbdew fis-6 ta' Novembru, 1997, skond dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B";

"Illi sal-lum is-socjeta' Fithome Limited thallset is-somma ta' sbatax-il elf u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm17,050.60) li tirrapprezenta kemm xoghlijiet li kienu ccertifikati mill-Architecture Project, li kienu l-periti konsulenti ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar dan il-progett kif ukoll hlas ghal 'extra works' li gew awtorizzati, rakkomandati u ccertifikati mill-istess periti konsulenti, Architecture Project;

"Illi l-konvenut naqas milli jesegwixxi l-appalt skond l-ispecifications tat-tender, stante li s-socjeta' konvenuta kellha tarma subframe qabel ma tarma s-soffitt, liema subframe qatt ma ntrama, bil-konsegwenza li s-soffitt fih diversi difetti, kif ukoll jikkostitwixxi periklu lill-haddiema fl-istess ufficcju tal-Prim Ministru;

"Illi skond l-offerta mressqa mis-socjeta' konvenuta u accettata mid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "C", kienet inkluza l-istima ta' l-ispejjez involuti sabiex issir il-manifattura u l-installazzjoni ta' l-imsemmi subframe;

"Illi apparti s-subframe nieqes, irrizulta li fl-istess struttura tas-soffitt jezistu diversi difetti ohra u ghalkemm is-socjeta' Fithome Limtied giet interpellata diversi drabi sabiex tlesti

x-xoghlijiet kollha, din l-istess socjeta' baqghet inadempjenti; filwaqt li nonostante li s-socjeta' konvenuta ppruvat tirrimedja diversi difetti, xorta s-soffitt baqa' difettuz;

"Illi fit-28 ta' Jannar, 1999, waqghet ma' l-art, qrib wiehed mill-impjegati ta' l-ufficju, parti mis-soffitt;

"Illi l-periti konsulenti Architecture Project irrilevaw illi sakemm ma jigix zarmat is-soffitt u armat mill-gdid, skond kif kien stipulat fl-ispecifications tat-tender, dan is-soffitt ma jista' qatt jittrangawlu d-difetti kollha u wisq inqas jista' jkun certifikat li sar skond l-arti u s-sengha;

"Illi ghall-interpellazzjonijiet ta' l-atturi s-socjeta' konvenuta rrispondiet illi hafna mid-difetti li rrizultaw kienu minhabba l-ghazla hazina li saret mill-konsulenti fl-ghazla ta' l-injam uzat ghas-soffitt;

"Illi l-allegazzjonijiet irrizultaw infondati stante illi ftit ta' zmien wara, progett iehor simili, fl-istess ufficini ta' l-Ufficju tal-Prim Minstru, irnexxa mija fil-mija, u ntuza l-istess disinn u l-istess materjal li kienu rrakomandaw il-periti konsulenti Architecture Project fil-kaz in ezami;

"Illi s-socjeta' konvenuta agixxiet jew dolozament jew b'negligenza grossolana meta hija ghamlet xoghol li ma kienx skond l-arti u s-sengha u ma kienx tal-kwalita' rikjesta u pattwita, kif ukoll wettqet l-imsemmija xoghlijiet bi traskuragni kbira, liema xoghlijiet, minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta ghadhom ma tlestewx sal-lum;

"Illi l-agir tas-socjeta' konvenuta kkaguna danni ngenti konsistenti fl-ammont imhallas s'issa ghall-manifattura u installazzjoni ta' l-imsemmi "timber suspended ceiling" u ghall-ispejjez li ghad iridu jigu nkorsi sabiex jizzarma l-imsemmi soffitt difettuz u jintrama mill-gdid, kif ukoll ghal spejjez involuti f'shifting u relocation ta' l-impjegati, computers, telephones u ghamara waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet.

**"Dan premess l-atturi talbu lil dik il-Qorti sabiex:**

"1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' appalt ghall-fornitura u installazzjoni ta' "timber suspended ceiling" bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta jigi rexiss u annullat u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

"2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt da parti taghha;

"3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondi s-somma ta' sbatax-il elf u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm17,050.60) li thallset akkont tal-prezz, imhallas ghall-istess xoghol bl-imghax u tiehu lura l-imsemmi soffitt;

"4. Tillikwida, okkorrendo b'nomina ta' perit, id-danni msemmija fit-tieni talba ta' din ic-citazzjoni;

"5. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas id-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-15 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta, li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni."

**B'nota pprezentata fil-5 ta' Ottubru, 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet:**

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ghar-ragunijiet segwenti:

"Fl-ewwel lok illi mhux minnu illi s-socjeta' konvenuta ma esegwitx ix-xoghol taghha skond is-sengha u l-arti u skond it-tender specifications u ghall-kuntrarju esegwiet ix-xoghlijiet kollha skond l-ispecifications lilha moghtija u taht is-supervizjoni tal-periti u nies ohra teknici ta' l-istess atturi u ghaldaqstant ma ghandhiex issegwi u tintlaqa' l-ewwel talba attrici illi jigi rexiss u annullat il-kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti;

“Fit-tieni lok illi s-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-atturi u tichad kwalsiasi responsabbilta’ galadarba hija esegwiet ix-xoghol skond l-istruzzjonijiet u taht is-supervizjoni kompleta tan-nies teknici ta’ l-atturi stess u ghalhekk huma nfondati t-tieni, ir-raba’ u l-hames talba attrici;

“Fit-tielet lok illi kieku l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi huma veritieri, x’sens kien jaghmel illi fis-27 ta’ Ottubru, 1998, aktar minn seba’ xhur wara li spiccaw ix-xoghlijiet de quo, l-atturi ghamlu pagament iehor akkont lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hamest elef, mija u tnejn u tletin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm5,132.28) u x’sens kien jaghmel lill-atturi li wara li tlestew ix-xoghlijiet li minnhom tant qieghdin issa jilmentaw, jaghmlu pagament totali ta’ sbatax-il elf u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm17,050.60), hlas f’valur oghla mill-prezz tat-tender originali;

“Fir-raba’ lok, illi fuq kollox il-pagamenti dejjem saru wara li l-periti u l-persuni teknici ta’ l-atturi jkunu approvaw il-hlas fuq ix-xoghol li huma jkunu raw u spezzjonaw. Flok ma saru lmenti, saru l-approvazzjonijiet ghall-hlas, u ghalhekk illi hija issa nfondata fil-fatt u fid-dritt it-tielet talba attrici ghar-rifuzjoni tas-somma kollha gia’ mhallsa mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

**Kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet is-socjeta` konvenuta intavolat kontro-talba li permezz taghha filwaqt li esponiet:**

“Illi s-socjeta’ konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-kawza ta’ l-atturi sabiex tistitwixxi din il-kontro-talba;

“Illi s-socjeta’ konvenuta esegwiet xoghlijiet ta’ installazzjoni ta’ timber suspended ceiling fl-ufficcju tal-

Prim Ministru, fil-Berga ta' Kastilja, il-Belt Valletta skond specifications u t-tender acceptance tad-29 ta' Ottubru, 1997 u xoghlijiet ohra extras illi gew bzonn fil-kors tax-xoghlijiet maghmula, kollha approvati mill-atturi;

"Illi l-atturi hallsu sal-lum, ghax-xoghlijiet maghmula mis-socjeta' konvenuta kif hawn fuq imsemmi, is-somma ta' sbatax-il elf u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm17,050.60) mill-kont globali ta' ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm20,875.68) - statement anness - sabiex fadal bilanc x'jithallas mill-atturi lis-socjeta' konvenuta ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm3,825.08);

"Illi l-atturi gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont lis-socjeta' konvenuta pero' baqghu inadempjenti;"

**"Dan premess is-socjeta` konvenuta talbet li dik il-Qorti:**

"1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha tiehu minghand l-atturi s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm3,825.08) bilanc minn somma akbar ta' ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm20,875.68), prezz ta' xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta skond it-tender hawn fuq imsemmi tad-29 ta' Ottubru, 1997;

"2. Tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm3,825.08) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

"Bl-ispejjez kollha, kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;"

**B'nota pprezentata fit-23 ta' Ottubru 2001 l-atturi ressqu s-segwenti eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta:**

"1. Preliminarjament l-inammissibbilta' tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta u dan a tenur ta' l-Artiklu 460 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontro-talba maghmula mis-socjeta' Fithome Limited hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, billi x-xoghlijiet, inkluzi l-extra works, li gew esegwiti da parti s-socjeta' Fithome Limited, ma sarux skond l-ispecifications u skond l-arti u s-sengha u ghalhekk s-soffitt huwa difettuz u l-obbligi kontrattwali tas-socjeta' Fithome Limited m'humiex adempiti, tant li l-esponenti kellhom jintavolaw il-proceduri odjerni, u mhux talli ma jista' jigi pretiz ebda hlas addizzjonali kif mitlub fir-rikonvenzjoni izda talli huwa l-kaz illi l-kuntratt jigi rexiss u s-socjeta' Fithome Limited tigi ordnata thallas id-danni kif mitlub fic-citazzjoni;

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

B'sentenza moghtija fis-16 ta' Mejju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-atturi fir-rigward tal-kontro-talba u ghalhekk cahdet l-istess bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta. Minn din is-sentenza ma gie intavolat ebda appell.

**Is-sentenza appellata:**

Il-PrimAwla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-mertu ta' din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hlief kif ser jinghad, tichad l-ewwel u t-tielet talba attrici izda tilqa' t-talbiet l-ohra kollha, u ghall-fini tar-raba' talba tillikwida d-danni fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000) u ghalhekk tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas din is-somma lill-atturi.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta."

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat;

“Illi mill-*punto di vista* legali dak li ta lok ghal din il-kawza jista’ jigi ri-epilogat fi ftit kliem. L-attur kien inkariga lis-socjeta’ konvenuta biex tforni u tinstalla l-hekk imsejjah *timber suspended ceiling* fl-ufficcju tal-Prim Ministru fil-Berga ta’ Kastilja skond l-ispecifikazzjoni tat-tender relattiva ghall-prezz ta’ hmistax-il elf, sitt mija u tliet Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm15,603.80), ekwivalenti ghal sitta u tletin elf, tliet mija u sebgha u erbghin Euro u tmien centezmi (€36,347.08). L-attur qed jallega li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk qed jitlob illi l-kuntratt jigi annullat u s-socjeta’ konvenuta ordnata thallas il-prezz li thallsu kif ukoll id-danni.

“Is-socjeta’ konvenuta fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet qed teccepixxi illi mhux minnu li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u qalet ukoll li ma kienx jaghmel sens li seba’ xhur wara t-tmiem ta’ l-appalt gew awtorizzati hlasijiet ohra - fil-fatt l-attur hallas iktar mill-prezz tat-tender. Is-socjeta’ konvenuta pproponiet ukoll kontro-talba fejn talbet illi tithallas bilanc illi skond hi kien ghadu dovut. L-attur eccepixxa fl-eccezzjonijet tieghu illi l-azzjoni ma kinitx ammissibbli u li billi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha ma kien dovut xejn. Kif inghad, il-Qorti gia’ laqghet din l-ewwel eccezzjoni permezz tas-sentenza tas-16 ta’ Mejju, 2002 u ghalhekk din il-kwistjoni ghal din il-Qorti hija maghluqa.

“Il-perit tekniku rrelata fis-sens li:

““*Difficli wiehed jestabbilixxi b’certezza assoluta jekk l-ilmenti ta’ l-atturi humiex gejjin mill-mod kif gie esegwit is-subframe jew inkella mill-fatt illi s-central strip hija dghajfa jew inkella minhabba z-zewg fatturi f’daqqa. Jirrizulta li s-subframe ma giex maghmul skond id-disinn originali u jirrizulta wkoll li s-central strip mahduma skond id-disinn originali hija dghajfa u li tista’ tikkawza l-problemi li l-atturi jilmentaw minnhom. Hi x’inhi l-kawza tad-difett huwa*

*evidenti li s-soffitt huwa difettuz u jehtieg li jsiru riparazzjonijiet.*"

"L-espert allura ssuggerixxa li jsiru xoghlijiet rimedjali:

"1. *Billi jissahhah is-subframes li ghandu jsir a spejjez tas-socjeta' konvenuta;*

*"2. Billi tinbidel is-central strip u jsir skond it-tieni fazi tal-progett u peress li s-socjeta' konvenuta esegwiet dan skond il-pjanta u l-istruzzjonijiet tal-konsulenti ta' l-atturi dawn ix-xoghlijiet ghandhom isiru a spejjez ta' l-istess atturi taht is-supervizjoni ta' perit appuntat mill-istess Qorti."*

"L-espert tekniku gie eskuss u rrisponda ghad-domandi ta' l-atturi a fol. 127. Eventwalment fuq talba ta' l-attur il-Qorti estendiet l-inkarigu ta' l-espert biex jillikwida l-ammont li jrid jintefaq biex jigu rrangati d-difetti msemmija fir-rapport. Dan sar a fol. 158 fej gie pprezentat rapport ulterjuri li ndika l-ammont in kwistjoni ghas-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000). F'dan l-istadju l-Qorti awtorizzat lill-attur jipprezenta rapport *ex parte* li ndika li l-ispejjez huma ferm iktar u ezattament tmintax-il elf, tmien mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin (Lm18,826). Dan ir-rapport sar mil-Perit Mario Bonello fuq inkarigu ta' l-attur.

"Meta l-espert tekniku gie ezaminat fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2008 huwa qal li ma kienx ha in konsiderazzjoni l-garr ta' ghamara u zarmar tal-kmamar inkluz tal-*fittings* meta ghamel l-istima tieghu; fi kliemu stess fuq domanda tad-difensur ta' l-attur is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) tinkludi x-xoghol ta' zarmar apparti ta' l-injam innifsu. Ammetta li mexa fuq il-prezzijiet tat-tender li naturalment zdiedu mill-1998 sal-lum (dejjem fi kliemu). Skond l-espert tekniku hafna mix-xoghol jista' jsir fuq il-post pero' l-ammont illi llikwida kien jahseb li x-xoghol isir mill-istess socjeta' konvenuta.

"Il-kuncetti legali in konnessjoni ma' kawzi simili gew spjegati fil-fond diversi drabi u l-Qorti per ezempju ser taghmel referenza ghal kawza recenti deciza mill-Qorti ta'

l-Appell (*sede* inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Pierre Darmanin vs Moira Agius. Il-Qorti qalet hekk dakinhar:

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. L'imprenditore a l'obbligo di eseguire bene l'opera commessogli second i dettami dell'arte sua e deve prestare almeno una capacita' ordinaria*. (Kollezjoni Vol. XXVII p1 p373) Dan fis-sens li ghandu jiggarantixxi x-xoghol tieghu. (Vol. XL p1 pagna 485).

*"L-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina.* (Vol. XXXVII piii pagna 883). *Ghax kif jinsab ritenut ukoll f'kazi bhal dawn hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti iktar 'il quddiem.* (Mario Blackman vs Carmelol Farrugia nomine – Appell Kummercjali - 27 ta' Marzu, 1972)

*"Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol* (Vol. XLI pI pagna 667*) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet moghtija mill-kommittent. E' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini e egli vedesse pregudizievoli alla solidita' e contrarii alle buone regole dell'arte.* (Vol. XXV p1 pagna 727). *Kif ahjar imfisser u spjegat l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.*

*"Huwa pacifiku wkoll li l-hlas tal-prezz ta' l-appalt jew hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.* (Vol. XLI – II- pagna 892).

*"Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti kif certament hu l-kaz in specje l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. Il-kopla kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-esekuzzjoni jew f'esekuzzjoni hazin ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt. (Vol. XXIVIII -p1-pagna 292).*

*"Effettivament it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittenti tinkwadra ruhha fl-ambitu' ta' dik ir-responsabbilta' kontrattwali normattiva minhabba non adempjiment. Li jfisser li l-kommittenti jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-esekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt – Artiklu 1069 (1) tal-Kodici Civili. F'kull kaz il-kommittent ikollu d-dritt li jirreklama d-danni – Artiklu 1069 (2).*

*"Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet ta' dritt li certament japplikaw ghal dak in disamina ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghidu l-infraskritti riflessjonijet:*

*"1. Jinsab deciz li jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jesegwixxi x-xoghol hazin il-fatt li x-xoghol ikun fih xi difetti ma huwiex bizzejjed biex il-Qorti tiddikjara lill-appaltatur responsabbli ghad-danni ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti u a sodisfazzjoni taghha ma jaghtux lok ghal dan id-dekalatorja tar-responsabbilta' tad-danni ma hijiex ammissibli – u dan iktar u iktar jekk jittrapella illi d-difetti rikontratti huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr* (Vol. XLII pII pagna 699).

*"2. Jissokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li dawk id-difetti jigu riparati jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni tal-prezz.* (John Bonnici nomine vs Anthony Sammut – Appell Kummercjali – 22 ta' Gunju, 1994)

*"3. A contrario senso meta d-difetti hekk kif jirrizulta f'dan il-kaz huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma*

*wkoll li ma jkollux id-dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-esekuzzjoni tax-xoghol.* (Victor Tabone vs Felix Mifsud – Prim'Awla – 5 ta' Ottubru, 1994)."

"Biex il-Qorti tapplika l-principji enunzjati f'din is-sentenza ghandha diffikulta' principali u din hija l-fatt li l-perit tekniku ma kien xejn deciz fir-rapport tieghu. Oltre dan l-ammont indikat minnu bhala spejjez biex jigu rrangati d-difetti wiehed jista' jghid li la huwa sostanzjali jew essenzjali izda lanqas ma wiehed jista' jsejjahlu zghir u allura mhux tali li jrendi l-kuntratt annullabbli. Apparti l-fatt li certament l-ammont ghandu jkun iktar minn tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li ghadda z-zmien minn meta gew kalkolati l-prezzijiet wiehed irid izid l-ispejjez tax-xoghol li normalment ikun ekwivali ghall-ispejjez involuti. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jekk wiehed ghandu jillikwida d-danni, illum dawn ghandhom ikunu cirka wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000), cirka disat elef Lira Maltin (Lm9,000). Dan l-ammont jammonta ghal iktar minn terz ta' l-ammont inizjalment mitlub. Fl-istess hin pero' t-trapass taz-zmien ma huwiex xi haga kollha kemm hi tort tas-socjeta' konvenuta li pero' kellha t-tort li originat il-problema u cioe' li x-xoghol ma ghamlitux sew mill-ewwel. Il-Qorti jidhrilha wkoll li certi ufficcjali governattivi involuti, komprizi professjonisti, kienu laxki hafna fil-mod kif approvaw ix-xoghol u awtorizzaw il-hlasijiet u ghal din il-laxkezza kellu jaghmel tajjeb l-erarju pubbliku. Dan pero' ma jaffettwax il-kwistjoni legali ghaliex kif gie ritenut fis-sentenzi fuq imsemmija, l-approvazzjoni u l-hlas ma jtellfu ebda dritt lil min jaghti l-appalt.

"Il-Qorti ghandha wkoll quddiemha rapport *ex parte* li gie pprezentat mill-atturi wara li gie redatt ir-rapport ta' l-espert inkarigat minnha, izda fil-fehma tal-Qorti tant huwa ex parte anke ghal min mhux tekniku li kif jghidu t-Taljani: "*lascia il tempo che trova,*" u ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser taghtih widen. Bizzejjed wiehed jghid li d-danni ndikati mill-perit inkarigat mill-atturi jeccedi s-somma mhallsa minnu.

"Kollox ma' kollox, tenut kont li *a tempo vergine* x'aktarx li d-danni ma kinux ser jeccedu l-erbat elef u hames mitt

Lira Maltin (Lm4,500) u ghalhekk cirka kwart ta' l-appalt u ladarba skond l-espert tekniku d-difetti *sia pure* konsistenti jistghu jigu rrangati l-Qorti m'hijiex ser tannulla l-kuntratt izda ser takkorda danni (li jeccedu sew l-ammont indikat mill-espert tekniku minhabba dak gia' inghad) u li hija ser tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000)."

**L-appelli ntavolati.**

Mis-sentenza hawn fuq riportata appellaw kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll, b'mod incidentali, l-atturi. Fir-rikors taghha, is-socjeta` konvenuta talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tbiddel, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn u sa fejn laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, tichad ukoll it-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati. Da parti taghhom, l-atturi appellati talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni talba tal-atturi u sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi, u billi thassarha fil-kumplament taghha u minflok li tilqa' l-ewwel u t-tielet talbiet attrici, u f'kaz illi din il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex tilqa' l-imsemmija talbiet, izzid l-ammont ta' danni likwidati sabiex dan jaghmel tajjeb ghad-danni attwalment sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

**Ikkunsidrat:**

Din il-vertenza, li tmur lura ghall-1997, tikkoncerna l-ezekuzzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta ta' *soffitt* gewwa ambjenti fl-Auberge ta' Kastillja, il-Belt, Valletta. Infatti fid-29 ta' Ottubru, 1997 is-socjeta` konvenuta kienet inghatat il-kuntratt ghal "*Manufacture and fixing of a timber suspended ceiling at Auberge de Castille, Valletta in accordance with the attached published specifications and at the rates (inculsive of CET) shown on the attached*

*schedule.*" Dan il-kuntratt inghata wara sejha pubblika ghall-offerti maghmula fil-Gazzetta tal-Gvern Avviz Nru. 115 u l-offerta maghmula mis-socjeta` konvenuta fis-16 ta' Ottubru, 1997 bil-prezz komplessiv ta' Lm15,603.80 kif jidher mid-deskrizzjoni tax-xoghlijiet annessa mal-offerta msemmija. Jirrizulta li d-disinn tas-*soffitt* kien sar mid-ditta tal-periti u konsulenti tal-attur cioe` Architecture Project u skont l-istess kuntratt, fost affarijiet ohrajn, kellu jsir "*Manufacture and fixing of a support subframe of timber together with the necessary aluminum support rails and hangers to take a moulded border profile and infill removable ceiling timber tiles 17 Rooms.*" Dan is-*subframe* gie stmat fl-ammont ta' Lm2,800.

Jirrizulta li dan is-*subframe* ma sarx ghalkemm is-socjeta` konvenuta thallset tieghu, u, wara l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, zviluppaw certi difetti li wasslu lill-atturi biex jistitwixxu dawn il-proceduri fejn mhux biss talbu li l-kuntratt jigi rexiss minhabba inadempjenza u negligenza grossolana da parti tas-socjeta` konvenuta, bil-konsegwenti rifuzjoni tal-pagamenti li kienu saru; talli l-atturi talbu wkoll il-kundanna hlas tad-danni minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta laqghat ghal dawn it-talbiet attrici billi ssostni li hija ezegwit ix-xoghol skont l-arti u s-sengha u skont l-i*specifications* u taht id-direzzjoni tal-konsulenti tal-atturi li mhux biss issorveljaw ix-xoghlijiet izda talli approvawh u awtorizzaw il-hlasijiet.  Ghalhekk, tghid is-socjeta` konvenuta, li t-talba ghar-rexissjoni mhux gustifikata u lanqas ma hija gustifikata t-talba ghad-danni; sahansitra s-socjeta` konvenuta ntavolat kontro-talba fejn allegat li kienet kreditrici ta' ammont ulterjuri. Din il-kontro-talba giet dikjarata nulla u dwar dan ma sar ebda appell.

L-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha fuq it-talbiet attrici kif rajna aktar 'il fuq billi, in riepilogu, cahdet it-talbiet attrici koncernanti r-rexissjoni tal-kuntratt izda laqghet dawk li jirrigwardaw il-likwidazzjoni u kundanna hlas tad-danni billi kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' €21,000 lill-atturi, liema ammont jidher li gie likwidat *"arbitrio boni viri"*.

Is-socjeta` konvenuta appellanti ressqet hames aggravji kontra s-sentenza appellata. L-ewwel tlett aggravji fil-verita` jikkoncernaw l-involviment tal-konsulenti tal-attur fl-ezekuzzjoni tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta u kif dan l-involviment jista’ jirrifletti fuq ir-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta. Ir-raba’ aggravju jikkoncerna l-aspett tad-danni fejn bazikament qed jinghad li l-atturi ma ressqux provi dwar id-danni reklamati jew akkordati. Finalment is-socjeta` appellanti hassitha aggravata mill-fatt li giet akkollata l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta, bla ebda dubbju ta’ xejn, li jezistu xi difetti fis-soffitt ezegwit mis-socjeta` konvenuta. Huwa cert ukoll li ma hemmx qbil dwar x’kienet ir-raguni ta’ dawn id-difetti. Da parti tal-atturi dawn isostnu li kien in-nuqqas tas-*subframe*. Mill-banda l-ohra, is-socjeta` konvenuta ssostni li ghalkemm hija ma kienitx ghamlet is-*subframe* kif dizinjat mill-konsulenti tal-atturi, hija kienet issugeriet alternattiva ohra li, fil-fehma tal-Perit taghha, kienet tajba ghal dak ix-xoghol. Is-socjeta` konvenuta imbaghad issostni li d-disinn ippreparat mill-konsulenti tal-atturi kien hazin in kwantu kien jipprospetta l-uzu ta’ injam, li fil-fehma taghha, ma kienx idoneu u fi kwalunkwe kaz is-*centre strip* ma kienitx wiesa’ bizzejjed.

Fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kien inhatar espert tekniku “*biex jirrelata dwar il-partijiet teknici tad-domandi attrici u, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz.*” Din il-Qorti tifhem li b’din il-hatra kellu jigi stabbilit “mhux li s-soffitt kien difettuz” billi dan il-fatt jidher li ma kienx qed jigi kontestat – ara f’dan ir-rigward it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u l-bazi tal-ewwel tlett aggravji taghha fejn donnu qed jinghad li ghalkemm jista’ jkun hemm difetti l-istess socjeta` mhux responsabbli ghax dak li ghamlet ghamlitu taht is-sorveljanza tal-konsulenti tal-atturi, - izda li kien qed jigi dibattut kien jekk dawn id-difetti riskontrati fis-soffit kienux tort ta’ parti jew ta’ ohra. Sfortunatament r-rapport ma jaghti ebda spjegazzjoni

teknika u l-espert irripeta biss dak li kienet qed tghid parti u dak li kienet qed tghid ohra u naturalment spicca biex ikkonkluda dak li hemm fil-parti konkluzziva tar-rapport u riportata fis-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti tixtieq tissenjala zewg affarijiet li fil-fehma taghha ghandhom rilevanza ghad-determinazzjoni ta’ din il-vertenza:

a) Il-fatt li s-socjeta` konvenuta, minkejja li ntrabtet li timxi skont l-i*specifications*, inkluz li tikkostruwixxi *subframe* li tieghu talbet Lm2,800, naqset li taghmel dak li kienet mitluba taghmel billi ma kkostruwitx is-*subframe* – dan huwa nuqqas serju. Xejn ma jiggova lis-socjeta` konvenuta li tghid li hija kienet gabet a konjizzjoni tal-konsulenti tal-attur il-proposta alternattiva u li din il-proposta giet accettata mill-istess konsulenti. Il-fatt li s-socjeta` konvenuta ddevjat mid-disinn originali jfisser biss li hija assumiet ir-responsabbilta` kompleta ghal prodott komplut u jekk, kif gara, dan il-prodott ma kienx tajjeb, l-istess socjeta` konvenuta ma tistax, kif qed taghmel, tipponta subajha lejn l-istess konsulenti ghan-nuqqasijiet li rrizultaw. Dan qed jinghad anke minhabba l-fatt li jidher li l-istess konsulenti qatt ma accettaw l-alternattiva billi, kif jinghad fir-rapport tekniku, (fol. 92) “*Fis-17 ta’ Ottubru 1998, l-A.P. taw “Snag list” lill-Fithome Ltd. fejn fiha gew elenkati numru ta’ nuqqasijiet fosthom li <u>ma kienx gie nstallat “subframe” u minflokk twahlet il-bordura direttament mas-saqaf permezz ta’ wires tal-azzar skond Dok SB1.</u>* Skond l-A.P. “*<u>jekk is-subframe ma jsirx, is-soffitt ma jistax jigi tajjeb kif suppost</u>.*” (enfazi tal-espert tekniku). Huwa minnu li din is-*snag list*, bhal xi dokumenti ohra li jissemmew fir-rapport tekniku, ma tinsabx fl-atti, biss din il-Qorti ma tara’ ebda raguni l-ghala ma ghandhiex temmen dak li kiteb l-istess espert tekniku fl-istess rapport tieghu. Lanqas il-fatt li s-socjeta` konvenuta thallset tas-*subframe*, li ma sarx, ma jista’ jiggova lill-istess socjeta` billi *se mai* dan jista’ jghati dritt lill-atturi ghar-rifuzjoni tal-indebitu u xejn aktar. Dan pero` mhux mertu tal-kawza.

b) Il-fatt li, kif qed tallega s-socjeta` konvenuta, seta' kien hemm xi nuqqasijiet fid-disinn partikolarment it-tip ta' injam suggerit jew rikjest, xorta lanqas ma jista' jiggova lis-socjeta` konvenuta u dan billi, kif huwa ritenut mill-gurisprudenza, l-appaltatur, li generalment ikollu n-"*know how*" u l-esperjenza fil-materja li ghaliha jkun mqabbad, ma jistax jipproduci xi haga, anke fuq ordni jew suggeriment tal-appaltant, jekk huwa jkun jaf li dik il-haga ma kienitx idonea. Huwa ritenut li l-appaltatur ghandu dejjem jipproduci dak li jigi rikjest skont l-arti u s-sengha u tali li tkun ta' utilita` ghall-appaltant. L-appaltatur kien jaf jew kellu jkun jaf li l-injam ma kienx idoneu u ghalhekk kellu jirrifjuta li juzah. Dan li qed jinghad dwar il-kwalita` jew hxuna tal-injam, pero` qed jinghad b'certa cirkospezzjoni billi ma jirrizultax li l-injam ghad-disinn moghti kien nieqes minn xi kwalita` mehtiega billi dan seta` iddendel billi ma sarx is-*subframe* li kien rikjest u mhux minhabba xi nuqqas intrinsiku tieghu. Ghalhekk anke hawn naraw li n-nuqqas originali tas-socjeta` konvenuta li ma taghmilx is-*subframe* jqieghed il-piz tal-prova kollu fuqha. Infatti kieku sar is-*subframe* u xorta wahda rrizultaw difetti l-kwistjoni kienet tkun kompletament differenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel tlett aggravji tas-socjeta` appellanti qed jigu michuda billi mhux gustifikati.

**Ikkunsidrat:**

Ir-raba' aggravju tas-socjeta` konvenuta jittratta dwar il-kap tad-danni reklamati mill-atturi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta. Minn qari akkurat tac-citazzjoni jidher li t-talba ghad-danni saret bhala "*appendice*" ghat-talba principali li kienet dik tar-rexissjoni tal-kuntratt. Infatti ghalkemm l-akkoljiment tat-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt kienet iggib il-konsegwenza necessarja tar-rifuzzjoni tal-prezz, (salv dak li hemm provdut fil-Kap. 16 fir-rigward ta' rizoluzzjoni ta' kuntratt ta' appalt) meta fil-premessi jissemmew dawn id-danni jinghad hekk fl-ahhar paragrafu "*Peress illi l-agir tas-socjeta` konvenuta ikkaguna danni ngenti konsistenti fl-ammont imhallas s'issa ghall-manifattura u installazzjoni*

*tal-imsemmi "timber suspended ceiling" u ghall-ispejjez li ghad iridu jigu inkorsi sabiex jizzarma l-imsemmi soffitt difettuz u jintrama mill-gdid, kif ukoll ghall-ispejjez involuti f'shifting u relocation ta' l-impjegati, computers, telephones u ghamara waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet.*" Mid-dicitura ta' dan il-paragrafu jidher li l-atturi kienu qed jilqghu ghall-eventwalita` li t-talba taghhom ghar-rexissjoni ma jkolliex ezitu pozittiv u ghalhekk jkun jehtieg li jissewwa s-soffitt u l-ispejjez ghal daqshekk u dawk konnessi maz-zarmar tieghu, jigu komputati u akkordati bhala danni.

Kif ga` rajna l-ewwel Qorti ma laqghatx it-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' appalt, kien ghalhekk ovvju li fil-komputazzjoni tad-danni reklamati, ma kkonsidratx ir-rifuzjoni tal-prezz ga` mhallas mill-atturi lis-socjeta` konvenuta. Fuq talba tal-atturi wara li dawn kienu rrinunzjaw ghat-talba taghhom ghall-hatra ta' periti addizjonali, b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2006 rega' gie mqabbad l-istess espert tekniku billi l-inkarigu tieghu gie estiz "*biex jillikwida l-ammont li jrid jintefaq biex jigu rrangati d-difetti msemmija fir-rapport".* Ta' min josserva li fir-rapport tieghu l-espert l-AIC Joseph Mizzi kien issugerixxa li jsiru "*xoghlijiet ulterjuri u/jew rimedjali:*

*(1) Billi jissahhah is-subframe li ghandu jsir a spejjez tas-socjeta` konvenuta.*

(2) *Billi tinbidel is-"central strip" u jsir skond it-tieni fazi tal-progett, u peress illi s-socjeta` konvenuta esegwit dan skont il-pjanta u l-istruzzjonijiet tal-konsulenti tal-atturi, dawn ix-xoghlijiet ghandhom isiru a spejjez tal-istess atturi, taht is-supervizjoni ta' perit appuntat mill-istess Qorti.*"

Jidher li l-espert tekniku pprezenta r-rapport "addizzjonali" tieghu fir-registru tal-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2007 fejn rrelata li "*Wara li ha in konsiderazzjoni l-"Bill of Quantities" fit-"Tender Documents" u r-risposta li nghatat minnu ghad-domandi ndirizzati lilu minn l-atturi rigward xogholijiet li saru mis-Socjeta` Konvenuta mhux skont is-sengha u l-arti, l-esponent wasal ghall-konkluzzjoni li l-ammont li jrid jitnefaq sabiex jigu rrangjati d-difetti msemmija fir-rapport*

*tal-istess esponent jammontaw ghal madwar LM3000 (Tlett elef Liri Maltin).*" Din il-Qorti pero` tosserva li filwaqt li fir-rapport tieghu originali (vide supra), l-espert kien spartixxa r-responsabbilta` ghal l-ispejjez ghax-xoghlijiet rimedjali bejn is-socjeta` konvenuta (fejn kien jikkoncerna s-*subframe*) u l-atturi (fejn kien jikkoncerna s-"*Centre strip*") fl-imsemmi rapport addizzjonali ma qalx kif l-ammont minnu indikat ta' Lm3000 kellu jigi spartit bejn il-kontendenti.

L-affarijiet ikkomplikaw ruhhom aktar billi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2007, Dr. Franca Giordimaina ghall-atturi, "*talbet l-isfilz tar-rapport addizzjonali*" liema talba giet michuda. Fl-istess udjenza wkoll il-Qorti rrilevat li gialdarba l-espert tekniku kien gia` estenda r-relazzjoni addizzjonali tieghu, kienet qed tiddikjara l-provi maghluqa u konsegwentement irrevokat d-digriet taghha tas-16 ta' April, 2007 fejn l-istess perit kien gie ordnat izomm seduta ohra mal-partijiet.

Fit-23 ta' Ottubru, 2007 l-atturi odjerni ntavolaw rikors a tenur tal-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 fejn talbu awtorizzazzjoni li jappellaw mid-digriet fuq imsemmi u fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2007 wara li l-ewwel Qorti cahdet it-talba kontenuta fl-imsemmi rikors, awtorizzat lill-atturi jezebixxu dokumenti ta' espert *ex-parte* kif ukoll awtorizzat l-eskussjoni tal-espert tekniku. Dan id-dokument, konsistenti f'rapport tal-AIC Mario Bonello mahluf quddiem Kummisssarju tal-Guramenti (fl-Ufficcju tal-Avukat Generali fl-4 ta' Jannar 2008), jindika l-ammont totali "*for remedial timber works and other ancillary works*" fis-somma ta' Lm18,826 (inkluz VAT) konsistenti minn Lm16,520 ghat-tiswijiet rimedjali fis-*soffitt*, Lm1,416 ghal "Transport of Furniture", Lm708 ghas-Shifting of Telephone Extensions, u Lm182 ghal xoghlijiet fis-sistema elettrika.

Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2008 gie eskuss l-espert tekniku l-AIC Joseph Mizzi. Fost affarijiet ohra l-espert stqarr li l-istima tieghu ma kienitx tinkludi spejjez anncillari bhal "*garr ta' ghamara mill-kmamar sabiex jitbattlu u jkunu jistghu jitwettqu x-xoghlijiet fuq is-soffitt. Zarmar u armar*

*ta' light fittings,* trasferimenti. Izda ddikjara li l-prezz minnu moghti kien jinkludi zarmar tas-soffitt u injam.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti llikwidat id-danni fl-ammont ta' €21,000 u dan fid-diskrezzjoni taghha fuq l-aspett ta' *arbitrio boni viri.* Din il-Qorti ma tistax tifhem kif giet applikata d-diskrezzjoni tal-gudikant f'materja daqstant teknika meta l-istess Qorti kienet rinfaccjata b'rapport tekniku fejn l-espert minnha nkarigat kien illikwida d-danni fl-ammont ta' Lm3,000. Il-Qorti lanqas biss ma hadet in konsiderazzjoni dak li ntqal fir-rapport *ex parte* prezentat mill-atturi li skont il-Qorti kien jigbed b'mod irragjonevoli favur it-tezi attrici. Kunsidrat dan u tenut kont li (a) it-Lm3000 jidher li gew akkollati kollha mill-espert lis-socjeta` konvenuta mentri fir-rapport originali l-atturi kellhom ibatu certa ammont ta' spejjez minhabba disinn "mhux idoneu", u (b) dan l-ammont kien jkopri spejjez ghaz-zarmar u l-armar tas-soffitt; jibqa' li filwaqt li l-ammont likwidat fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghandu jitnaqqas b'certa proporzjon biex jaghmel tajjeb ghall-kontribuzzjoni tal-atturi, l-ammont bilancjali jrid jizdied biex jaghmel tajjeb ghaz-zieda fil-prezzijiet fil-mori tal-kawza, u biex jkopri certa spejjez bhal ma huma caqliq ta' ghamara, ta' impjegati, ta' light fittings u I.T. connections. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li l-ammont ta' €21,000 (jew circa Lm9000) likwidat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u tirriduci l-istess ghal €12,000. F'dan is-sens ir-raba' aggravju tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqugh.

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar ilment tas-socjeta` konvenuta huwa fis-sens li mhux gust li hija tigi akkollata l-ispejjez kollha tal-kawza. Dan l-ilment jidher li hu marbut kemm mal-*quantum tad-danni* billi qed jinghad li l-espert tekniku llikwida ammont ferm inferjuri ghal dak likwidat mill-Qorti. Dwar dan, din il-Qorti ma tistax tifhem x'qed tipprova tghid is-socjeta` konvenuta billi l-ispejjez jigu spartiti skont u kif jigu akkolti jew michuda t-talbiet u mhux kemm jigu likwidati d-danni. Ghalhekk jaghmel aktar sens it-tieni argument tas-socjeta` konvenuta li hi ma ghandhiex tigi akkollata l-ispejjez kollha

gia` la darba whud mit-talbiet attrici gew michuda. Din is-sottomissjoni izda tiddipendi mill-ezitu tal-appell incidentali ntavolat mill-atturi u ghalhekk sejjer jigi kunsidrat fil-parti konkluzziva ta' din is-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Kif gia` nghad l-atturi pprezentaw appell incidentali kontra s-sentenza appellata fejn qed isostnu li "*ghandu jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, ragunijiet bizzejjed sabiex tikkonferma illi l-esponenti ghandhom ragunijiet validi sabiex jinhallu mill-kuntratt t'appalt illi huma kellhom mas-socjeta` appellanti Fithome Limited."* Inoltre qed jigi sottomess *"Illi ghandu jirrizulta wkoll lil din il-Qorti illi la darba x-xoghol supplit mis-socjeta` konvenuta:*

*(1) ma sarx skont ma kien specifikat a tenur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, partikolarment in-nuqqas ta' subframe kif specifikat jikkostitwixxi vizzju fuq il-kwalita` essenzjali tal-haga;*

*(2) illi x-xoghol ma sarx skont ma titlob is-sengha u l-arti kif jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku mahtur mill-Qorti; u*

*(3) inadempjenza da parti tal-kuntrattur stante illi x-xoghol ma sarx fi zmien ta' sitt gimghat hekk kif stipulat fil-kuntratt;*

*(4) konsegwentement is-socjeta` konvenuta appellanti rrendiet ruhha responsabbli ghad-danni, liema danni jikkonsistu fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf, tmien mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u sebghin Ewro centezmu (€43,852.78) u cioe` l-ammont stmat mill-perit ex parte, sabiex jittwettqu x-xoghlijiet kollha hekk kif spjegat ahjar fid-dokument esebit bhala Dok PMB.*"

Illi din il-Qorti tosserva li l-kwistjoni tal-*mora* fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet qatt ma tqajmet qabel u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' dan l-argument anke b'rispett ghal kuncett tad-*"doppio ezame"*. Inoltre l-kwistjoni tal-quantum tad-danni gia` giet ampjament

kunsidrata meta kien qed jigi ezaminat l-appell principali tas-socjeta` konvenuta, tant hu hekk li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti li qed jigi kunsidrat bhala baxx mill-atturi appellati, gie ridott b'mod sostanzjali ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.

L-atturi appellanti qed jirrilevaw ukoll li n-nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta jintitolhom ghal hlas tal-imghaxijiet fuq id-danni. Infatti fic-citazzjoni attrici kien hemm talba specifika ghall-kundanna hlas tal-imghaxijiet. Fis-sentenza appellata izda ma jinghad xejn dwar imghax u ma nsibu ebda kundanna ghal hlas tal-istess. Din il-Qorti, f'dan ir-rigward, taqbel ma' dan l-ilment tal-atturi u konsegwentement sejra tvarja s-sentenza appellata billi tordna li s-socjeta` konvenuta tkun responsabbli ghall-hlas tal-imghaxijiet, liema mghaxijiet, stante li l-ammont dikjarat dovut qed jigi likwidat b'din is-senteza, ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju u cioe` dak li jikkoncerna l-ewwel u t-tielet talbiet attrici li gew michuda mill-ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehema, kif kienet l-ewwel Qorti, li ma hemm ebda raguni serja l-ghala l-kuntratt ghandu jigi dikjarat xjolt. In-nuqqasijiet riskontrati, ghalkemm jirrendu l-oggett mhux accettabbli minhabba aspetti estetici u anke ghax wiehed jippretendi li minn soffitt ma jaqawx partijiet tal-injam, jistghu jigu rimedjati u b'hekk il-prodott jkun ghas-sodisfazzjon tal-kommittent. Huwa minnu li hemm nuqqasijiet bhal ma huma s-*subframe* li ma sarx, biss din il-Qorti, apparti dak li qalet fir-rigward fl-appell principali tas-socjeta` konvenuta, temmen li dan in-nuqqas kellu jigi rimedjat fi stadju bikri tal-ezekuzzjoni tal-appalt billi l-konsulenti tal-atturi jinsistu li dan isir u mhux jippermettu li x-xoghlijiet jitkomplew u sahansitra jawtorizzaw il-pagamenti. Nuqqas bhal dan ma kienx proprjament mertu ta' "*snag list*" li hija ntiza biex tindika certi nuqqasijiet zghar u rimedjabbli waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol, izda ksur serju tal-kundizzjonijiet tat-*tender*. B'dan kollu qatt ma sar xi lment serju fuq dan in-nuqqas. Inoltre ghal dak li jikkoncerna s-*centre strip* mhux car jekk dan id-difett, jekk

kien difett, kienx attribwibbli lis-socjeta` konvenuta jew lill-atturi. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddikjara li dan l-aggravju mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghdha tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti ghas-somma ta' tnax-il elf Ewro (€12,000); u tordna li fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru imghaxijiet ta' tmienja fil-mija mil-lum. Ghal bqija tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna wkoll li fic-cirkostanzi l-ispejjez, kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------